DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUJUST LEX/2/2009

tal-15 ta' Diċembru 2009

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX

(2009/982/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/475/PESK tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2009/475/PESK dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX. Dik l-Azzjoni Konġunta tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2010.

(2) L-Artikolu 9(2) tal-Azzjoni Konġunta 2009/475/PESK, jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni.

(3) Ir-Rappeżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet li jinħatar is-Sur Francisco DÍAZ ALCANTUD bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUJUST LEX sat-30 ta' Ġunju 2010.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Francisco DÍAZ ALCANTUD huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun notifikata lis-Sur Francisco DÍAZ ALCANTUD.

Hija għandha jkollha effett mid-data tan-notifikazzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

O. SKOOG

Il-President